MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2006

Numru. 644/2006

Il-Pulizija
Spettur Carmelo Magri

Vs

William Briguglio
Jonathan Caruana
Rittmar Hatherly

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati fuq imsemmija fejn gew akkuzati talli fid-9 ta’ Dicembru, 2005 ghall-habta tas-2.30 ta’ filghodu mis-Social Club sitwat fi Triq il-Vittorja l-Isla ikkommettew serq ta’ kwantita ta’ xorb alkoholiku u flus kontanti ghad-dannu ta’ Paul Bezzina mix-Xghajra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin u bil-hin;

Fl-istess data u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghhom jew imexxuhom;

Fl-istess data, u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta' l-istess Paul Bezzina, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri Maltin (LM 10) izda ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin (LM 50);

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghat lit-tlett imputati fuq imsemmija wiegbu li ma kellhomx oggezzjoni illi l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghat lit-tlett imputati fuq imsemmija debitament assistiti, volontarjament jirregistraw ammissjoni ghall-akkuza ta' serq u dan waqt is-seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2006 meta kienu qed isirulhom il-mistoqsijiet skond l-Artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kodici Kriminali.

Semghat il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragonevoli lill-imputati sabiex jirrikunsidraw tali ammissjoni.

Semghat lix-xhieda kollha li gew prodotti.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2006 fejn il-prosekuzzjoni u d-difiza qabblu li t-tielet imputazzjoni, u cioe' dik ta' hsara volontarja hija effettivament mezz ghall-fini ta' l-ewwel imputazzjoni.

Rat l-Artikoli 278 (1), (2) u (3), 261 (b), (c) u (f), 263, 264, 265, 266, 267, 270 u 325 (1) (c) tal-Kap 9.

Fuq ammissjoni volontarja ta’ l-imputati ghall-ewwel u t-tielet imputazzjoni il-Qorti ssib lit-tlett imputati hatja ta’ l-ewwel u tat-tielet imputazzjoni b’dan illi ser jigi applikat dak li jipprovdi l-Artikolu 17 (h) tal-Kap 9 in kwantu jirrigwardja t-tielet imputazzjoni. Illi in kwantu jirrigwarda t-tieni imputazzjoni, u cioe’ dik ta’ ricettazzjoni, il-Qorti qed tillibera lill-imputati minn din l-imputazzjoni peress illi, una volta li jirrizulta s-serq dan ir-reat minnu nnifsu jeskludi r-reat ta’ ricettazzjoni.

Il-Qorti kkunsidrat ghall-fini ta’ piena il-fatt illi l-imputat William Briguglio ghandu fedina penali netta, filwaqt li z-zewg imputati l-ohra, u cioe’ Jonathan Caruana u Rittmar Hatherly ghandhom fedina penali kwazi netta, il-fatt li t-tlett imputati irregistraw ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, il-fatt li r-*refurtiva* giet ritornata lura lid-derubat kif ukoll l-eta’ tat-tlett imputati u jidrilha li l-prigunerija mhux idonea fic-cirkostanzi u jkun ghaqli li t-tlett imputati jigu segwiti minn Ufficjal tal-Probation. Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kap 446 qeghda taghmel ordni ta’ probation li permezz taghha tqieghed lit-tlett hatja taht is-sorveljanza ta’ Ufficjal tal-Probation illi ghandu jigi assenjat skond il-ligi u dan ghall-perjodu ta’ sentejn mill-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lill-hatja bi kliem car l-effett ta’ din l-ordni u tiddikjara li qeghda minnufih tordna n-notifikat lid-Direttur li ghandu jassenja ufficjal tal-probation ghall-hatja.

It-tlett imputati ghandhom izommu l-kuntatt mehtieg u mitlub mill-Ufficjal tal-Probation mahtur ghal dan l-iskop.

L-Ufficjal tal-Probation ghandu jirraporta lil din il-Qorti bil-progress tat-tlett imputati kull xahrejn bil-miktub.

It-tlett imputati ghandhom javzaw immedjatament lill-Ufficjal tal-Probation b’kull tibdil li jistghu talvolta jaghmlu fl-indirizz residenzjali taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------